Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2095(INI)

3.6.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

It-tfassil ta' strateġija ġdida tal-UE kontra l-faqar
(2025/2095(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: João Oliveira

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

It-tfassil ta' strateġija ġdida tal-UE kontra l-faqar
(2025/2095(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni rispettiv, bil-miri ewlenin tiegħu għall-2030 u t-tabella ta' valutazzjoni soċjali tal-UE,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021, l-impenji mġedda fil-Forum Soċjali ta' Porto tal-2023, u d-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe tas-16 ta' April 2024,

– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata fi New York f'Settembru 2015,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), adottata fi New York fl-20 ta' Novembru 1989,

– wara li kkunsidra l-Patt tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, adottat fi New York fis-16 ta' Diċembru 1966,

– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea, adottata f'Turin fl-1961,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, adottata fi New York fit-13 ta' Diċembru 2006,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar id-drittijiet tat-tfal,

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw,

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/112/UE tal-20 ta' Frar 2013 bit-titolu "L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ",

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar sistemi ta' edukazzjoni u kura bikrija ta' kwalità għolja tat-tfal,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni diċenti u affordabbli għal kulħadd,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2021 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi, b'enfasi partikolari fuq il-faqar fost dawk li jaħdmu,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021 dwar il-Garanzija Ewropea

għat-Tfal,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta’ Novembru 2023 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali fi żminijiet ta’ kriżi għat-tfal u l-familji tagħhom,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta’ Marzu 2021 bit-titolu “L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal”,

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta’ Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta’ Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali;

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-5 ta’ Marzu 2020 bit-titolu “Unjoni tal-Ugwaljanza: l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025”,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta’ Ottubru 2020 bit-titolu “Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni”,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta’ Marzu 2021 bit-titolu “Unjoni tal-Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabbiltà 2021–2030”,

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta’ Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tas-17 ta’ Ġunju 2025 dwar Strateġija tal-UE kontra l-Faqar,

– wara li kkunsidra r-rapporti rilevanti tar-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-faqar estrem u d-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra r-rapport tan-Network Ewropew kontra l-Faqar (2025) bit-titolu “Towards the Eradication of Poverty” (Lejn il-Qerda tal-Faqar),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-ATD Fourth World (2025) bit-titolu “Paving the Way towards an EU Anti-Poverty Strategy” (Inwittu t-triq lejn Strateġija tal-EU kontra l-Faqar),

– wara li kkunsidra r-rapporti ta’ Social Platform (2025) bit-titoli “EU Anti-Poverty Strategy” (Strateġija tal-UE kontra l-faqar) u “A post-2027 Multiannual Financial Framework for Social Europe” (Qafas Finanzjarju Pluriennali wara l-2027 għal Ewropa Soċjali),

– wara li kkunsidra r-rapport ta’ Eurochild (2022) bit-titolu “(In)visible children – Eurochild 2022 report on children in need across Europe” (Tfal (in)viżibbli – Rapport tal-2022 tal-Eurochild dwar it-tfal fil-bżonn madwar l-Ewropa),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-000/2025),

A. billi l-faqar jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-popli u l-ħtieġa li jinqered tirrikjedi distribuzzjoni aktar ġusta tal-ġid u politiki li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali jkunu;

Lejn strateġija mmirata lejn il-qerda tal-faqar

1. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta Strateġija kontra l-Faqar (minn hawn 'il quddiem "l-Istrateġija") li tinkludi bħala linji gwida u objettivi ġenerali:

   a) ir-rikonoxximent tal-faqar bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-popli;
   b) l-istabbiliment tal-objettiv tal-qerda urġenti tal-faqar sa mhux aktar tard mill-2035;
   c) il-koordinazzjoni xierqa bejn l-UE u l-Istati Membri, kif ukoll mar-reġjuni, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, sabiex jintlaħaq dan l-objettiv;
   d) l-approċċ komprensiv u integrat għall-politiki u l-miżuri għall-ġlieda kontra l-faqar u l-objettiv tal-qerda tal-faqar bħala kriterju trażversali fil-politiki settorjali;
   e) il-parteċipazzjoni xierqa, effettiva u trasparenti ta' persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fid-definizzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom;

Distribuzzjoni aktar ġusta tal-ġid

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw l-objettiv ta' livell massimu ta' impjiegi bħala linja gwida għall-politiki ekonomiċi u soċjali;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u aċċess għall-protezzjoni soċjali;

4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw il-ħolqien ta' strument għall-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol u l-objettiv ta' livell massimu ta' impjiegi, immirat primarjament lejn il-ġlieda kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva dwar introjtu minimu adegwat li jiggarantixxi inklużjoni soċjali u tax-xogħol attiva u jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar, filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà;

L-iżgurar tan-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu

politiki li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li jiżguraw servizzi pubbliċi universali, mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' politika tal-akkomodazzjoni li tiżgura aċċess universali għal dan id-dritt u li tinkludi kunsiderazzjoni speċifika tas-sitwazzjoni tal-persuni mingħajr dar; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni taċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi tal-UE – inkluż il-ħolqien ta' finanzjament addizzjonali u mmirat tal-UE għall-espansjoni u r-rikwalifikazzjoni tal-istokkijiet ta' akkomodazzjoni pubblika;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri effettivi mmirati biex jimplimentaw il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali" billi jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-nisa;

10. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex isaħħu d-drittijiet tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, jiffaċilitaw ir-ritorn tan-nisa għax-xogħol wara t-tqala u l-liv tal-maternità u jiżguraw kundizzjonijiet adegwati għat-treddigħ fuq il-post tax-xogħol;

11. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali għall-kura tas-saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika li jkunu aċċessibbli u ta' kwalità;

12. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali pubbliċi, universali u bbażati fuq is-solidarjetà sabiex jiggarantixxu protezzjoni soċjali sħiħa u effettiva għall-ħaddiema u l-pensjonanti u jipprevjenu l-faqar;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi jew il-migranti huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;

14. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-appoġġ għall-familji u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz ta' servizzi soċjali tas-saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali;

Nindirizzaw il-faqar billi napprofondixxu l-parteċipazzjoni politika demokratika

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni politika tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom fid-diversi livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

16. Jirrakkomanda li ssir konferenza annwali biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija, b'kompożizzjoni wiesgħa u diversa, inkluż l-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar;

17. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha żżid ir-riżorsi tagħha mmirati biex jappoġġjaw lill-organizzazzjonijiet soċjali ta' tipi differenti involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu;

Kooperazzjoni istituzzjonali xierqa u riżorsi baġitarji adegwati

18. Iqis li s-suċċess tal-Istrateġija se jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni xierqa bejn id-diversi livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' intervent;

19. Iqis li l-ambitu tar-responsabbiltajiet fil-livell tal-UE, tal-Istati Membri u dak reġjonali biex jintlaħaq b'mod konkret l-objettiv tal-qerda tal-faqar għandu jiġi definit b'mod adegwat, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi fl-Istrateġija prinċipju orizzontali li jqis l-impatti tal-politiki settorjali fuq il-faqar u li jinkorpora l-obbligu li titwettaq analiżi tal-impatt *ex ante*;

21. Jirrakkomanda li l-Istrateġija jkollha persuna responsabbli minnha fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea u li kull Stat Membru jaħtar koordinatur nazzjonali u jfassal pjan ta' azzjoni nazzjonali, li jinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu;

22. Jitlob li jissaħħaħ il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u li jsir użu aħjar mill-FSE+, l-FEŻR, l-FEAD u l-AMIF sabiex jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar;

23. Itenni li hemm il-ħtieġa li jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-anqas EUR 20 biljun; jinsisti li dan il-baġit iddedikat jiġi integrat fil-QFP li jmiss fl-ambitu tal-FSE+.

NOTA SPJEGATTIVA

L-abbozz ta' rapport iqis il-faqar bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-popli u jqis li dawn id-drittijiet – politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali – għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ u jkunu universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati, u dan għandu jkun il-qalba tal-politiki kontra l-faqar.

Il-faqar u l-esklużjoni soċjali huma riflessjoni tad-distribuzzjoni inugwali tal-ġid, kemm f'termini ta' introjtu kif ukoll ta' ġid.

L-oriġini multifattorjali u l-espressjoni multidimensjonali tal-faqar jeħtieġu politiki li jimmiraw lejn il-koeżjoni soċjali u jipprevjenu li l-inugwaljanzi jaggravaw. Il-ġlieda effettiva kontra l-faqar teħtieġ approċċ integrat li jindirizza b'mod komprensiv il-faqar fl-għeruq profondi tiegħu b'politiki li la jpoġġuh f'kategoriji jew jaqsmuh u lanqas ma jifhmuh bħala fenomenu soċjali naturali jew preżenti b'mod permanenti.

Fl-2024, 93,3 miljun persuna fl-UE (21 % tal-popolazzjoni) kienu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali; ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-UE kien ogħla għan-nisa milli għall-irġiel (21,9 %, meta mqabbel ma' 20,0 %); fil-livell tal-UE, l-istatus tal-impjieg kellu impatt kbir fuq ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, li tvarja minn 10,9 % għall-persuni impjegati għal 66,6 % għall-persuni qiegħda; 21,9 % tal-popolazzjoni tal-UE li kienet tgħix f'unitajiet domestiċi bi tfal dipendenti kienet f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-2024.

Fil-livell tal-UE, kien hemm rigress f'ċerti oqsma f'dawn l-aħħar snin: l-indikaturi tar-rata ta' tfal f'riskju ta' faqar – il-faqar fost it-tfal żdied minn 23,6 % fl-2019 għal 24,2 % fl-2024 – u l-effettività tal-protezzjoni soċjali fit-tnaqqis tal-faqar naqset fil-perjodu 2021-2024 minn 37,1 % għal 34,4 %.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, adottat fl-2021, jistabbilixxi l-mira limitata li l-għadd ta' persuni f'sitwazzjoni ta' faqar jitnaqqas bi 15-il miljun, inklużi 5 miljun tifel u tifla, sal-2030. Jekk titqies biss dik il-mira, dan ikun ifisser li madwar 78 miljun persuna, inklużi 15-il miljun tifel u tifla fl-UE, xorta jkunu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali sa dak iż-żmien.

Fil-fehma tar-rapporteur, huwa għalhekk kruċjali li, fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea, il-qerda tal-faqar tiġi stabbilita bħala għan politiku tal-progress soċjali, kemm fl-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea kontra l-Faqar kif ukoll fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali rispettivi u fir-reviżjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Huwa kkunsidrat ukoll li dan l-objettiv għandu jitqies b'mod komprensiv fil-politiki settorjali kollha. Għandhom jitqiesu l-impatti speċifiċi li d-deċiżjonijiet settorjali jista' jkollhom fuq il-faqar u l-ħtieġa li dawn jiġu kkoordinati. Għalhekk huwa meqjus importanti li tiġi introdotta analiżi *ex ante* tal-impatti tal-politiki settorjali fuq il-faqar.

Id-data statistika tikkonferma l-impatt sinifikanti tal-aċċess għall-impjiegi, il-pagi ġusti u t-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tar-riskju tal-faqar.

Madankollu, tesponi wkoll ir-realtà serja tal-ħaddiema f'sitwazzjoni ta' faqar bħala riżultat ta'

pagi baxxi, in-nuqqas ta’ sigurtà fl-impjieg, kif ukoll id-diskontinwità fil-prestazzjoni tax-xogħol jew ix-xogħol part-time.

Barra minn hekk, id-data turi li n-nisa huma affettwati b’mod aktar gravi mill-faqar bħala riżultat ta’ diskriminazzjoni u inugwaljanzi meta mqabbla mal-irġiel, bħal diffikultajiet akbar fl-aċċess għall-impjiegi, id-diskrepanzi fil-pagi, l-intensità tax-xogħol aktar baxxa, it-tendenza ta’ karrieri professjonali li jdumu anqas, id-diskrepanzi fl-ammonti tal-pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali, it-tqassim inugwali tal-kompiti ta’ kura u tax-xogħol fid-dar, u d-diffikultajiet fl-aċċess għal kura tas-saħħa speċifika.

Ir-rapporteur iqis li huwa indispensabbli li l-Istrateġija twassal lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw l-għan ta’ livell massimu ta’ impjiegi bħala linja gwida għall-politiki ekonomiċi u soċjali.

F’dan il-kuntest, għandhom jiġu promossi u appoġġjati politiki biex jittejbu l-kwalità tal-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, għandu jiġi kkunsidrat il-ħolqien ta’ strument għall-ġlieda kontra l-faqar billi jinkiseb b’mod universali d-dritt għax-xogħol u jintlaħaq l-objettiv ta’ livell massimu ta’ impjiegi, u għandha tiġi ppreżentata inizjattiva bħala segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li tiżgura inklużjoni soċjali u tax-xogħol attiva u li tikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar.

Sabiex tiġi żgurata protezzjoni soċjali sħiħa u effettiva għall-ħaddiema u biex jiġi evitat il-faqar, l-Istati Membri għandhom isaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali pubbliċi, universali u bbażati fuq is-solidarjetà.

Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri effettivi mmirati biex jimplimentaw il-prinċipju ta’ “paga ugwali għal xogħol ugwali” billi jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b’mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-nisa.

L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari biex jiżguraw aċċess universali għal kura tas-saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika li jkunu ta’ kwalità u aċċessibbli, kif ukoll biex jiżviluppaw politiki biex isaħħu d-drittijiet tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, jiffaċilitaw ir-ritorn tan-nisa għax-xogħol wara t-tqala u l-liv tal-maternità u jiżguraw kundizzjonijiet adegwati għat-treddigħ fuq il-post tax-xogħol.

Għandu jitqies ukoll li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b’diżabbiltà, il-familji b’ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi jew il-migranti huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali u li t-tfal migranti huma rrappreżentati żżejjed fil-grupp f’riskju ta’ faqar, u dan jirrikjedi li s-sitwazzjoni speċifika tagħhom titqies fil-miżuri ta’ rispons u prevenzjoni tal-faqar.

Il-faqar fost it-tfal jirriżulta mill-faqar tal-familji u n-nuqqas ta’ rispons komprensiv iwassal għall-estensjoni tas-sitwazzjoni ta’ faqar tul iċ-ċiklu tal-ħajja (l-ewwel fit-tfulija, imbagħad fuq il-post tax-xogħol u fl-aħħar fl-irtirar) u jżid il-probabbiltà ta’ kontinwazzjoni interġenerazzjonali tal-faqar.

Fl-14 ta’ Ġunju 2021, il-Kunsill adotta r-rakkomandazzjoni tiegħu dwar Garanzija Ewropea għat-Tfal, bl-għan li jiġi żgurat li t-tfal fil-bżonn ikollhom aċċess għal servizzi essenzjali,

pereżempju, servizzi mingħajr ħlas ta' kura u edukazzjoni għat-tfulija bikrija, edukazzjoni mingħajr ħlas (inklużi attivitajiet addizzjonali fl-iskejjel u, mill-anqas, ikla waħda tajba għas-saħħa għal kull jum tal-iskola), kura tas-saħħa mingħajr ħlas, nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata.

Fil-fehma tar-rapporteur, dan il-kontribut importanti għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal fl-UE għandu jkun akkumpanjat minn allokazzjoni baġitarja ddedikata taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss ta' mill-anqas EUR 20 biljun, li toħloq il-mezzi finanzjarji li jappoġġjaw il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ta' Garanzija għat-Tfal mill-baġit tal-UE.

Punt ieħor ta' tħassib li għandu jiġi kkunsidrat huwa l-ġlieda kontra l-istigmatizzazzjoni u d-diskriminazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar.

Il-ġlieda kontra l-faqar spiss tħabbat wiċċha ma' ostakli f'forma ta' kunċetti ta' politika stigmatizzanti u diskriminatorji tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar. Dawn il-persuni huma meqjusa b'mod żbaljat bħala benefiċjarji ta' privileġġi u drittijiet li allegatament jiġu miċħuda lil ċittadini oħra. Il-politiki u l-miżuri speċifiċi għall-ġlieda kontra l-faqar fid-diversi dimensjonijiet tiegħu spiss jiġu meqjusa bħala prova allegata ta' dan il-privileġġ li jgawdu n-nies f'sitwazzjoni ta' faqar.

F'sitwazzjonijiet oħra, huma proprju s-soluzzjonijiet għall-ġlieda kontra l-faqar li jisfaw fil-mira tal-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar. Eżempju ta' dan huwa l-iżolament frekwenti ta' persuni li jesperjenzaw il-faqar f'viċinati soċjali partikolari li, inkluż f'termini ta' ppjanar spazjali u organizzazzjoni tal-bliet, jikkontribwixxu għall-esklużjoni soċjali tagħhom.

L-istabbiliment tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Faqar għandu jinkludi miżuri biex jiġu miġġielda l-istigmatizzazzjoni u d-diskriminazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u jiġi żgurat li l-ġlieda kontra l-faqar tkun immirata lejn l-integrazzjoni soċjali tagħhom, filwaqt li jiġu indirizzati l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli.

Il-ġlieda tal-faqar għandha tkun ibbażata fuq il-promozzjoni ta' politiki li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali. Dawn il-politiki jipprovdu soluzzjonijiet strutturali b'impatt ġenerali fuq il-koeżjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-istigmatizzazzjoni u d-diskriminazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar, kif ukoll approċċi żbaljati bħall-kriminalizzazzjoni tal-faqar. Tali soluzzjonijiet għandhom jiġu kkomplementati minn miżuri ta' appoġġ immedjati jew ta' darba, jekk jidher li huma meħtieġa, sabiex jiġu indirizzati b'mod adegwat l-ispeċifiċitajiet ta' gruppi aktar vulnerabbli.

F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li jiġi żgurat l-investiment pubbliku f'politiki li jiggarantixxu servizzi pubbliċi universali, mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja, minħabba l-kontribut tagħhom biex jinkisru ċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet bħall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali, l-ilma u s-sanità, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-enerġija, it-trasport, l-ikel u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' politika dwar l-akkomodazzjoni li tiżgura aċċess universali għal dan id-dritt, filwaqt li tqis miżuri speċifiċi għas-sitwazzjoni tal-persuni mingħajr dar. Il-Kummissjoni għandha

tiżviluppa pjan biex tindirizza l-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni taċ-ċittadini kollha tal-UE – inkluż il-ħolqien ta' finanzjament addizzjonali u mmirat tal-UE għall-espansjoni u r-rikwalifikazzjoni taż-żoni ta' akkomodazzjoni pubblika.

Ir-rapporteur jemmen li t-taqbidiet psikoloġiċi li jirriżultaw mill-faqar u l-esklużjoni soċjali ma tqisux biżżejjed fl-istrateġija tal-Kummissjoni dwar is-saħħa mentali u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali. Għaldaqstant, jissuġġerixxi li l-Istati Membri jintroduċu miżuri speċifiċi f'dan il-kuntest.

Billi nifhmu bħala punt tat-tluq li l-faqar huwa ksur tad-drittijiet tal-bniedem, huwa kruċjali li jinħolqu mekkaniżmi għall-parteċipazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fid-definizzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom. L-istabbiliment ta' tali mekkaniżmi għandu jkollu l-għan li japprofondixxi l-parteċipazzjoni demokratika, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-emanċipazzjoni soċjali tal-persuni fil-faqar, kif ukoll li jikseb eżiti aktar effettivi u ekwi ta' dawk il-politiki.

Ir-rapporteur jemmen ukoll li s-suċċess tal-Istrateġija se jiddependi fuq l-kooperazzjoni korretta bejn id-diversi livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u intervent, u għalhekk l-ambitu tar-responsabbiltajiet fil-livell tal-UE, tal-Istati Membri u dak reġjonali biex tintlaħaq il-mira tal-qerda tal-faqar għandu jiġi definit b'mod ċar u adegwat, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Ir-rapporteur jirrakkomanda li ssir konferenza annwali biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija, b'kompożizzjoni wiesgħa u diversa, inklużi l-persuni li jgħixu fil-faqar.

Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza pożittiva bil-Garanzija għat-Tfal, huwa rrakkomandat li l-Istrateġija jkollha rwol ewlieni fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea u li kull Stat Membru jaħtar koordinatur nazzjonali u jfassal pjan ta' azzjoni nazzjonali, li jinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll lill-organizzazzjonijiet involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu fl-implimentazzjoni tiegħu.

L-Istrateġija tal-UE kontra l-Faqar għandha tirrikonoxxi u tappoġġja l-azzjoni tal-organizzazzjonijiet soċjali ta' diversi tipi involuti fil-ġlieda u l-prevenzjoni tal-faqar, b'mod partikolari fl-appoġġ dirett għall-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar.

Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għandu jiżvolġi rwol importanti fit-tisħiħ tal-politiki u l-appoġġ soċjali li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar billi jsaħħaħ b'mod sinifikanti l-FSE+, l-FEŻR, l-FEAD u l-AMIF u jagħmel użu aħjar minnhom.